MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 761/2013

**Miriam Karin Von Brockdorff**
**ID 19363A**

**Vs**

**Rina Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-24 ta' Novembru, 2013 fejn l-attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lil attrici s-somma ta' elf, tlett mija u hamsin ewro (€1,350) rapprezentanti hlas moghti lil konvenuta bhala kors ta' Advance Hairdressing' u diversi prodotti u ghodda relatata mal-'hairdressing' , ghal liema hlas, l-istess konvenuta naqset li taghti s-servizz u l-livell mehtieg, u di piu u minghajr pregudizzju ghal premess, tali kors ma wassalx ghal livell reklamat mill-istess konvenuta, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
2. Illi m'huwiex minnu li l-konvenuta ma onoratx l-obbligi assunti minnha u li s-servizz ma kienx wiehed tajjeb.
3. Illi kien l-agir tal-attrici stess li waslet sabiex ma nharigx ic-certifikat.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehdet l-attrici fejn spjegat illi hija hallset l-ammont ta' elff ewro (€1,000) biex taghmel kors avvanzat ta' hairdressing. Minbarra dan l-ammont kellha tixtri ukoll l-ghodda kollha neccessarja. Il-kors kien jinvolvi zewg lezzjonijiet fil-gimgha wahda fit-teorija u ohra fil-prattika. Kien intqal lilha illi wara l-kors setghet tidtah hairdressing salon. Il-kors kellu jsir fil-hanut tal-konvenut li kien pjuttost zghir. Waqt il-kors minbarra nuqqas ta' spazzju baqghu ghaddejjin it-telefonati u l-klijenti. Gieli l-lezzjoni kienet tibda anke siegha tard. Gieli l-konvenuta lanqas kienet tkun hemm ghal-lezzjoni u kienet thalli f'idejn l-assistenta taghha. Kull gimgha kien ikollha tixtri iktar prodotti u minkejja dan ma giey mghallma xejn f'dan il-kors. Il-konvenuta sahansitra kienet titlobhom seba' ewro (€7) talli juzaw id-dawl.

Il-konvenuta minkejja li kellha kull opportunita li tidher ghal kawza u tressaq il-provi taghha naqset milli taghmle dan u ghalhekk it-Tribunal iddikjara l-provi maghluqha u ghadda biex jiddecidi l-kaz.

Fuq dak li semgha t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta minkejja li thallset ghal kors ma tatx lura dak li weghdet. Naqset milli tipprovdi l-informazzjoni mehtiega, milli tipprovdi l-ambjent adegwat u l-hin li kellha tghati lanqas ma tghatu. Fuq kollox kienet esagerata meta kienet tithallas seba' ewro (€7) talli l-istudenti uzaw l-eletriku wara li thallset elf ewro (€1,000) tal-kors. It-Tribunal ihoss illi l-konvenuta dahqet bl-attrici meta offriet il-kors.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont ta' ta' elf, tlett mija u hamsin ewro

(€1,350) lill-attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------